**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Ammissjoni Nru: 6/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Ricardo Antonio Creco Gravina**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015,**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat Ricardo Antonio Creco Gravina, detentur tal-karta tal-identita' Olandiza bin-numru IS7L 39866 akkuzat talli:

Fil-21 ta' Awwissu, 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer w barra min dawn il-gzejjer:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika, medicina perikoluza (kokajina), f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;
b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, hlief skond id-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Importa, jew gieb f'Malta (ghal uzu personali) il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Importa jew gieb f'Malta (ghal-uzu personali) raza mehuda mill-pjanti Cannabis bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-medicini perikouzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni ahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilhu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienux ghall-uzu eskluzziv taghha,

F'kaz ta' htija l-Qorti giet ukoll mitlbua sabiex tordna lill-imputata sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tal-4 ta' Gunju, 2014 fejn l-akkuzat Ricardo Antonio Creco Gravina ikkonferma l-ammissjoni li kien ghamel fil-prezentat nhar it-23 ta' Awwissu, 2012 u dan wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li ai termini tal-proviso ghal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq

imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Ricardo Antonio Creco Gravina, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Settembru, 2015 fejn ghamlu referenza ghal l-ammissjoni tal-akkuzat u ghad-dispozizzjoni tal-artikolu 392B(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkonguntivament iddikjaraw li qeghdin jaqblu, u konsegwentement talbu lill-din l-Onorabbli Qorti timponi fuq ir-rikorrent akkuzat Ricardo Antoni Creco Gravina il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin, flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjess u propjeta' mobbli jew immobbli appartentenenti lill-istess akkuzat Ricardo Antonio Creco Gravina.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Awwissu, 2012, u sussegwentement konfermata fl-4 ta' Gunju, 2014, tiddikjara lil Ricardo Antonio Creco Gravina hati talli Fil-21 ta' Awwissu, 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer w barra min dawn il-gzejjer:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika, medicina perikoluza (kokajina), f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, hlief skond id-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Importa, jew gieb f'Malta (ghal uzu personali) il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Importa jew gieb f'Malta (ghal-uzu personali) raza mehuda mill-pjanti Cannabis bi ksur ta' l-artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-medicini perikouzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni ahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilhu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienux ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Rat l-artikoli 7, 8(e), 9, 10, 12, 14(1)(4), 15A, 20, 22(1)(a)(f),(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4, 8 u 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17(b), 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija u cioe' il-linji gwida imfassla fid-

decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Ricardo Antonio Creco Gravina għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, tikkundanna lil hati Ricardo Antonio Creco Gravina ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin, elf ewro (€23,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' sena (1) prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1384.96), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat

Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Edwina Grima

Imhallef